MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2007

Numru 774/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**

**VS**

**GEORGE ATTARD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra George Attard ta' 61 sena, bin Alfred u Lucrezia nee' Cini, imwieled nhar is-6 ta' Novembru, 1944, residenti fil-fond imsemmi Dar il-Hena, Triq is-Sorijiet, Paola, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 973644(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fid-19 ta' Settembru, 2005, f'San Pawl il-Bahar, f'xi hin volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel xi hsara f'tinda tal-istabbiliment Little Italy, li jinsab

fi Triq Sant'Antnin, San Pawl il-Bahar, liema hsara tammonta ghal iktar minn hamsin lira (Lm50.00) u anqas minn mitt lira maltin (Lm100.00) ghad-dannu ta' terzi persuni.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Fuq nuqqas ta' provi ma ssibx lil-imputat George Attard hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------